**<u>MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN</u> Nru. 44/2013**
***Kienet addottata Aġenda nru. 39/2013***

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 15 ta' Ottubru 2013**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Emmanuel Debono – Viċi Chairperson**
- **Is-Sur Victor Refalo – Membru**
- **Is-Sur George Sacco – Membru**
- **Is-Sur Joseph Zammit – Membru**
- **Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – *Ex Officio***
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Marija Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 43/2013

Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 43/2013 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 43/2013

Ma tqajjmux punti mill-Minuti bin-nru. 43/2013.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

Ittra mibgħuta mill-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar l-aħħar pagament tal-ammont tal-proġett ta' dwal dekorattiv fi Triq Santa Marija u Triq il-Forn. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet il-MEPA ma għaddietx l-ammont sħiħ skont il-kuntratt peress li ma kienux twaħħlu l-*lamp posts* kollha mixtrija. Dwar il-*lamp posts* li kien fadal, is-Segretarja Eżekuttiva qalet l-Inġ. Curmi ssuġġerixxa li fi Triq Santa Marija, quddiem il-*flats* ta' Emidio Azzopardi ssir *central strip* u fuqha jkunu nstallata l-*lamp posts*. Kien hemm qbil li ssir *central strip* fi Triq Santa Marija.

Ittra mibgħuta minn James Said fejn talab lill-Kunsill *no objection* biex jarma l-*bumping cars* fil-*car park* is-sajf li ġej. Il-Kumitat qabel li deċiżjoni dwar il-*bumping cars* għandha tittieħed mill-Kumitat il-ġdid.

Ittra ta' approvazzjoni mibgħuta minn Transport Malta biex isir *communal reserved parking bay* għall-persuni b' diżabilita' fi Pjazza San Pawl. Kien maqbul li dan il-*bay* isir taħt is-siġra fi Pjazza San Pawl.

*E-mails* mibgħuta minn Transport Malta dwar il-qsari u l-*u-bars* ta' quddiem Lantern Guesthouse, Triq il-Qbajjar.

Talba ta' Carm Scicluna biex jitpoġġa *skip on wheels* fi Triq Santa Marija, fl-inħawi ta' Triq Mieġel il-Baħar.

Is-Sindku qal hu kien talab darbtejn għal dan l-i*skip* u minkejja li kien imwiegħed li kien ser isir, dan l-i*skip* qatt ma tpoġġa. Iċ-Chairperson qalet *skip on wheels* kien tpoġġa fil-bidu tas-sajf pero' kuljum kien qed jispiċċa fl-egħlieqi u għalhekk il-kuntrattur kien neħħih minn hemm. Il-Kumitat qabel li jpoġġi *skip on wheels* quddiem il-*promenade* tal-Qbajjar (fit-tarf tal-*promenade*, minn naħa tal-Qbajjar).

## 5. TISBIEĦ TAL-BELVEDERE TA' TRIQ IX-XAGĦRA

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-Kamra bil-każ fil-Qorti Mario Cordina vs Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

Dwar il-proġett propost ta' tisbieħ tal-belvedere ta' Triq ix-Xagħra, ġie deċiż li ssir *site visit* mal-Perit.

## 6. KENNIESA F' MARSALFORN

Kien maqbul li għalissa jibqa' kollox kif inhu fir-rigward tat-tindif tat-toroq f' Marsalforn.
Iċ-Chairperson ġibdet l-attenzjoni li wara t-*telephone booth* ta' maġenb l-għassa tal-pulizija qed jitħallew boroż taż-żibel ħodor biex jinġabru l-għada. Is-Segretarja Eżekuttiva ser tiġbed l-attenzjoni tal-Inġ. Bajada dwar dan.

## 7. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

**Nru. KAM 52/2013 – is-Sur George Sacco**
Biex issir bankina mar-residenza tal-kurja fi Triq Għar Qawqla. Il-Kumitat qabel li l-gandott ta' mar-residenza tal-kurja jingħalaq bis-siment.

**Nru. KAM 53/2013 – is-Sur Joseph Refalo**
Talab biex tinbena apramorta ta' għalqa fi Triq Daħlet il-Merżuq. Ġie deċiż li jintalbu tlett kwotazzjonijiet għal bini tal-apramorta tat-triq, kull fejn hemm imwaqqa' jew nieqes, ta' Triq Daħlet il-Merżuq.
Il-Kumitat approva ħamsin metru konkos għall-kisi ta' Triq Daħlet il-Merżuq, minn Villa Fiorita l-ġewwa.

**Nru. KAM 55/2013 – is-Sur Lorry Saliba**
Biex titranġa l-bankina quddiem żewġ garaxxijiet fi Triq Barda. It-talba kienet approvata.

**Nru. KAM 56/2013 – iċ-Chairperson Marija Saliba**
Isir traqqiegħ bil-*cold asphalt* fil-bidu ta' Triq ix-Xagħra (kif iddur mal-Bo Jungles) u fi Triq Manwel Magro. Il-Kumitat approva li jsir xogħol ta' traqqiegħ.

**Nru. KAM 57/2013 – is-Sur George Sacco**
Traqqiegħ ta' ħofra (qagħda) quddiem Sawrell Flts fi Triq is-Sajjied. Xogħol approvat mill-Kumitat.

**Nru. KAM 58/2013 – is-Sinj. Kelina Cordina**

Biex jinbena ħajt tat-triq imwaqqa' ġor-rampa tal-għalqa tagħha fi Triq ir-Rabat. Is-Segretarja Eżekuttiva ser tgħaddi t-talba lill-Ministeru għal Għawdex peress li Triq ir-Rabat hija triq arterjali.

**Nru. KAM 59/2013 – is-Sur Edwin Lowe**
Isir xogħol ta' traqqiegħ quddiem Emidio Flts fi Triq Santa Marija. Xogħol approvat mill-Kumitat.

**Nru. KAM 60/2013 – iċ-Chairperson Marija Saliba**
Ressqet għall-kunsiderazzjoni tal-Kumitat dawn it-talbiet:

- it-tindif tal-wied prinċipali ta' Marsalforn. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet hi diġa nfurmat lil Michael Buhagiar tal-Ministeru għal Għawdex u qed tistenna minn għandu dwar it-tindif tal-wied.
- jitneħħa *parking bay* personalizzat ta' persuna b' diżabilita' fi Triq Ulisse. Dan il-*bay* ser jitneħħa.
- isir sinjal STOP fi Triq il-Wied kantuniera ma' Triq il-Munġbell. Talba approvata.
- biex jitranġa t-taraġ ta' maġenb l-għassa tal-pulizija, li jagħti għal fuq iz-zuntier tal-knisja. Ser issir *site visit* mal-Perit.
- jinżebgħu *double yellow lines* fuq kull naħa tal-garaxx ta' Bruka Flts fi Triq il-Wied. It-talba kienet approvata.
- jitħawwlu siġar fl-konok li saru f' Misraħ M' Anġ Refalo. It-talba kienet approvata.

Gie deċiż li tintbagħat *reminder* tat-talba tal-Kumitat biex isir dawl fi Triq il-Qbajjar.

**Nru. KAM 61/2013 – is-Sur George Sacco**
Staqsa dwar *railing* tal-injam li sar faċċata ta' Mellows Bar fi Triq il-Wied. Kien miftiehem li jsir rapport mal-pulizija.

**Nru. KAM 62/2013 – is-Sur Joseph Attard**
Talab biex isir traqqiegħ quddiem il-garaxx St Joseph fi Triq il-Qbajjar. Xogħol ta' traqqiegħ approvat mill-Kumitat.

Il-Kumitat approva l-kisi bis-siment quddiem ir-residenza Morning Star fi Triq ir-Rabat, taħt il-bankina.

Is-Sur Refalo rtira mill-Kamra tal-laqgħat.

## 8. MATERJA OĦRA

Fl-intervent tiegħu, is-Sindku beda biex staqsa, min jilmenta miegħu jew jitolbu xi ħaġa għal Marsalforn, x' irid jagħmel? Is-Sindku semma l-każ tal-bankini ta' Triq il-Qbajjar, meta hu waqqaf lill-kuntrattur milli jkompli x-xogħol wara li kien irċieva xi lmenti dwar il-wisa' tal-bankina u dan peress li dak in-nhar stess kien ser ikun hemm il-laqgħa tal-Kumitat. Qal li Jeanne Pierre Debono kien infurmah li l-Viċi Chairperson kien irrappurtah dwar dan il-każ partikulari. Is-Sur Debono ċaħad dan u qal li kien ilu ma jkellem lis-Sur Debono tlett snin.

Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-kamra CD juri inċident tat-traffiku li seħħ fit-2 ta' Ottubru fi Triq il-Qbajjar fejn kienu nvoluti erba' vetturi. Iċ-Chairperson qalet il-Kumitat minbarra li talab biex din il-parti tat-triq tkun *one-way* is-sena kollha, kien għamel ukoll sinjali tan-*no parking*, liema sinjali kienu nqalgħu mingħajr ebda konsultazzjoni mal-Kumitat.

Is-Sindku ppropona u l-Kumitat qabel li ssir proposta ma' Transport Malta biex issir *sleeping policemen* fi Triq il-Qbajjar, kif jispiċċa l-bini u jsiru sinjali SLOW mal-art.

Dwar l-attivita' li soltu ssir f' Marsalforn End of Summerfest, is-Sindku staqsa għal liema raġuni din l-attivita' ma saritx? Iċ-Chairperson wieġbet ma kienx hemm deċiżjoni mill-Kumitat biex din l-attivita' ssir.

Is-Sur Sacco qal u miegħu qabel il-Kumitat kollu, li għandha tintbagħat ittra lis-Soċjeta' Filarmonika Santa Marija fejn tintalab spjegazzjoni għaliex il-Kumitat ma kienx mistieden għall-ebda attivita' li ttellgħet mis-Soċjeta' fil-ġranet tal-festa ta' Santa Marija.

Iċ-Chairperson talbet lis-Segretarja Eżekuttiva biex tara dwar apparat li tpoġġa maġenb l-għassa tal-pulizija peress li l-Kumitat ma ġiex infurmat dwar dan l-apparat.

## 9. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fit-8.00 ta' filgħaxija u l-Kumitat Amministrattiv aġġorna *sine die.*

**Marija Saliba**
***Chairperson***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***